MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Numru. 166/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**
**VS**
**PAUL ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Abela ta' 44 sena, bin Paul u Josephine nee' Scicluna, mwieled Pieta' fis- 27 ta' Frar 1967, residenti 12, Redentur, Triq Santu Rokku, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 107267M;

Talli;

1) fl- 24 ta' Novembru 2011 gewwa City Gate il-Furjana, ghall- habta tas- 18.00hrs waqt li kien qed isuq jew fil- kontroll ta' vettura bin- numru ta' registrazzjoni

BUS 215 (xarabank tar- rotta), b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il- persuna ta' Anthony Formosa, kif iccertifikat Dr. Geoffrey Bonnici MD mill- Isptar Mater Dei;

2) talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi daq vettura bin- numru tar- registrazzjoni BUS 215 b' manjiera perikoluza;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta incident sfortunat ghall-ahhar. L-imputat, li hu xufier tal-karozzi tal-linja, kien qieghed jimmanuvra l-vettura BUS 215 fit-terminus barra Bieb il-Belt, fejn il-funtana ta-Tritoni. Anthony Formosa kien qieghed jaqsam it-triq sejjer minn Bieb il-Belt ghal fejn il-funtana, meta intlaqat mill-vettura misjuqa mill-imputat, bil-konsegwenza li sofra griehi gravi. B'xorti tajba, izda, ma sofra ebda dannu permanenti.

Irrisulta li l-imputat kien qed isuq b'velocita' minima ghall-ahhar, u kemm kemm laqat lil Formosa, persuna ta' eta' avvanzata. L-imputat waqaf mal-ewwel hekk kif gara l-incident. Il-Qorti tara li kien hemm negligenza miz-zewg partijiet f'dan il-kaz. L-imputat zgur kellu vizwali cara quddiemu, u seta' evita l-incident, izda jidher li kien qed jimmanuvra wahda mill-"articulated buses" tal-Arriva, u Formosa gie mil-genb tal-lemin tieghu, u allura jista' jaghti l-fatt li l-imputat ma rahx miexi ghal go triqtu. Jinghad ukoll li Formosa kellu jippresta aktar attenzjoni hu u jaqsam mill-aktar parti wiesgha u traffikuza tat-terminus ta' Bieb il-Belt, meta hemm "pedestrian crossing" ftit metri biss 'il

fuq. Formosa wkoll messu induna bil-vettura misjuqa mill-imputat gejja ghal fuqu, u allura l-Qorti tara li kien it-tort tat-tnejn li sehh dan l-incident.

Ghal dak li jirrigwarda piena, il-Qorti ma tarax li ghandha taghti l-estremi ta' piena iebsa fuq l-imputat. Ma kien hemm ebda sewqan perikoluz jew ksuhat da parti tieghu, u allura l-Qorti ser tapplika sanzjoni fil-komunita' minflok piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226(1)(a) tal- Kap 9 u 15 (1A)(2) tal-Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.
Issibu hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------